# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 45**

**Avviz numru 1530/00/SM**

**Micallef Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta' assikurattrici estera Independent Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Tabib Dottor Chris Scerri sia bil-polza sia bil-ligi.**

**vs**

**Anthony Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' mitejn tlieta u sebghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm273.65,0) danni minnu kagunati meta hu, fil-waqt li kien qed isuq vettura PAC 123 nhar id-29 ta' Settembru 1999 fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, habat ma' vettura SCE-333 assigurata mas-socjeta' assigurata b'polza ta' natura 'compreshensive' ghal liema kellha taghmel fronti u li tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni li hu kien unikament responsabbli stante imperiza, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult (Lm10) tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socejta' assiguratrici tal-konvenut, u bl-interessi mill-20 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha il-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru SCE 333, li imhabba negligenza u inosservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru PAC 123 misjuqa mill-eccipjenti, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici in linea ta' danni, u ghalhekk t-talbiet taghha ghandhom jigu respinti b-ispejjez;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhiehda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fid-29 ta' Settembru ta' l-1999 fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, ghall-habta tas-2.00 p.m.;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka LandRover bin-numru tar-registrazzjoni PAC 123 misjuqa mill-konvenuti Anthony Pace u dik tal-marka Open bin-numru ta' registrazzjoni SCE-333 assigurata mas-socjeta' attrici nomine misjuqa mit-tabib Dr. Christopher Scerri;**

3. **Illi irrizulta li meta l-imsemmi Dr. Scerri li kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Wied il-Ghajn, ried idur in-naha tal-lemin, huwa xeghel l-'indicator' tul ta' kantuniera qabel ma dar u kiser lejn ic-centru tat-triq;**

4. **Illi irrizulta wkoll li l-istess Dr. Scerri waqaf fejn kien hemm id-'dotted lines', hares biex jara jekk hemmx traffiku, u meta ra li seta' jipprocedi beda jdur;**

5. **Illi meta dan Dr. Scerri kien qed jaffettwa din il-procedura sema' 'brake' gej minn warajh u l-vettura tal-konvenut dahhlet fih fuq il-bieba tal-passiggier ta' wara tan-naha tad-driver;**

6. **Illi l-ammont ta' danni sofferti mill-imsemmi assigurat tas-socjeta' attrici nomine gie regolarment ipprovat bid-dokument azzjoni ipprezentata;**

**7. Illi l-istess socjeta' attrici nomine hi regolarment surrogata skond il-ligi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita iressaq il-posizzjoni tieghu ghall-avall ta' din il-qorti xorta naqas li jghamel dan;**

**Illi l-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici nomine ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Anthony Pace responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine l-ammont ta' mitejn u tlieta u sebghin centezmu, (Lm273.65,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Pace biex ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici nomine, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-20 ta' Frar tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**